**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 5 ta' Diċembru 2024

**Il-Pulizija**
**vs**
**Sarah Kebe**
**Mouri Kuruma**

Kawża numru 9663/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Sarah Kebe**, imwielda Conakry nhar it-8 ta' Awissu 1994 u detentrici tal-numru tal-pulizija 23H-019, u **Mouri Kuruma,** imwieled Zerekore nhar il-5 ta' Jannar 2002 u detentur tan-numru tal-pulizija 20Z-196

Akkużati talli, fl-5 ta' Dicembru, u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Kellhom f'idejhom Passaport, maħruġ minn awtorià kompetenti, jew li, ittrasferixxew dan il-passaporti lil persuni oħra jew irċevew passaporti li ġew ittrasferiti lilhom minn persuni oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);
2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu użu jew ittantaw li jagħmlu użu minn Passaporti maħruġa lil persuni oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);
3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi inghataw prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)
4. Kif ukoll talli xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima uzaw jew kellhom fil-pussess xi dokumenti, meħtieġa għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikati skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Rat illi waqt is-seduta tal-4 ta' Diċembru 2024 l-imputati, debitament assistiti mill-avukat tal-fiduċja tagħhom u interpretu, irreġistraw ammissjoni fir-rigward tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom, u kkonfermaw din l-ammissjoni wara li l-Qorti avżathom bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietilhom żmien biżżejjed biex jerġgħu jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tagħhom jirrikkonsidraw d-dikjarazzjoni tagħhomu jerġgħu lura minnha.

Semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkonsidrat**

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom.

Għal finijiet ta' piena, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni is-serja tal-imputazzjoni li għalihom l-imputati irreġistraw ammissjoni, u f'dan ir-rigward tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **The Police vs David Abekunde et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Ġunju 2009 fejn intqal hekk:

> "*The Court must make it absolutely clear at the outset that it considers border security to be a very important and a very serious matter, and that any attempt to bypass, breach or otherwise circumvent such security by means which are illegal must consequently be regarded as a very serious offence ... … This Court is of the view that as a general rule, such cases should be met with a prison sentence with immediate effect and that always as a general rule, anything short of an immediate prison sentence amounts to a very myopic view of the whole issue of border security…*"

Illi pero, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-kooperazzjoni tal-imputati mal-pulizija u l-ammissjoni bikrija tagħhom, u fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tqis li piena fil-minimu tagħha tkun l-aktar piena idoneja.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 32(1)(c) u 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u tikkundannahom għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur